# Il-Qgħad Irreġistrat: Frar tal-2024

**NR 060/2024**          **Data tal-Ħruġ: 05 ta’ April 2024**

*Fi Frar tal-2024, in-numru ta’ persuni jirreġistraw għax-xogħol kien ta’ 1,096 biex b’hekk kien hemm żieda ta’ 55 persuna meta mqabbel mal-istess xahar fl-2023.*



Tagħrif mogħti minn Jobsplus juri li, sena għal sena, fi Frar 2024 kien hemm żieda ta’ 59 persuna jirreġistraw fl-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Qgħad u tnaqqisa ta’ erba’ persuni fuq it-Tieni Parti tal-istess reġistru (Tabelli nri 5 u 8). Iż-żidiet fir-reġistrar dehru fil-biċċa l-kbira tal-gruppi tal-età (Tabella nru 1). L-irġiel kienu jgħoddu mat-68.5 fil-mija ta’ dawk li kienu qegħdin jirreġistaw (Tabella nru 1).

Sena għal sena, kien irreġistrat tnaqqis ta’ 28 persuna fl-għadd ta’ dawk li kienu ilhom jirreġistraw bejn 21 u 52 ġimgħa u tnaqqis ta’ tlieta min-nies fl-għadd ta’ dawk li kienu fuq ir-reġistru għal iżjed minn sena. Min-naħa l-oħra, dawk li kienu ilhom jirreġistraw għal anqas minn 21 ġimgħa żdiedu b’86 (Tabella nru 2).

Fi Frar 2024, in-numru ta’ persuni b’diżabbilità li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol naqas b’ħamsa meta mqabbel mas-sena ta’ qabel, sabiex laħaq il-228 persuna. L-irġiel kienu jgħoddu 77.2 fil-mija tal-għadd sħiħ ta’ dawk imniżżlin fir-reġistru tal-qgħad bħala persuni b’diżabbilità (Tabella nru 3).

L-irġiel u n-nisa fuq ir-reġistru tal-qgħad kienu qed ifittxu l-aktar impjiegi ta’ appoġġ klerikali, b’21.1 fil-mija u b’41.3 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Il-qgħad irreġistrat

